MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2005

Numru 725/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**JONATHAN JOSEPH BRIFFA**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **JONATHAN JOSEPH BRIFFA** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Ganni Scriha u Mary Briffa nee Marsh, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Gunju 1983 u li joqghod 3, Irene Flats, Triq Belvedere, Gzira, detentur tal-karta tal-identita` numru 349183M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sbatax ta' Awissu 2005 ghal habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar ikkommetta serq ta' mobile phones, camera fotografika u flejjes minn gewwa l-post maghruf bhala Westin Coral Reef Club, li jinsab f'San Giljan ghad-dannu ta' Mergherita Iovina mill-Italja liema serq huwa aggravat bil-valur.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta mal-imputat bhala li huwa recidiv wara li nhar s-sitta ta' Ottubru 2003, nstab hati ta' serq aggravat mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onorabbli Imhallef Dottor Joseph Galea Debono, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmintax ta' Awissu 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, l-fedina penali tal-imputat u l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar s-sbatax ta' Awissu 2005.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali u dan kif jirrizulta mill-istess esami li sar nhar t-tmintax ta' Awissu 2005.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tmintax ta' Awissu 2005, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lid-Difiza tiddikjara li qed tezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tesibixxi kopja tas-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjerni mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Ottubru 2003.

**Dwar il-piena:**

Il-Qorti qabel m'ghaddiet biex taghti s-senetenza, hadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

1. L-eta tal-imputat meta huwa kkommetta r-reat in kwistjoni u l-fatt li ghandu problema t'abbuz ta' droga, kif iddikjara hu stess seduta stante;
2. Il-ko-operazzjoni totali tieghu sa mill-bidu mett tal-investigazzjoni;
3. L-ammissjoni bikrija fl-ewwel opportunita moghtija lilu l-Qorti u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti.
4. Li r-res furtiva giet ritornata lil sidha legittimu w ghalhekk s-socjeta in generali ma sofriet ebda danni materjali.

**Ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikolu 261, 267, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddecidi billi tiddikjara li ssib lil imputat JONATHAN JOSEPH BRIFFA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu, fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal perjodu ta' sena prigunerija effettiva mill-lum.**

**Il-Qorti taghmel r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin sabiex f'kaz li l-imputat jitlob li jibda programm ta' disintossifikazzjoni jew ghajnuna biex jindirizza l-problema tieghu t'abbuz ta' droga huwa ghandu, jaghti widen ghal tali talba tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------